MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
PETER BORG COSTANZI**

Seduta tas-6 ta' Dicembru, 2005

Talba Numru. 1424/2004

**Alfred Gatt (I.D. 1055847M) u martu
Doris Gatt (I.D. 271155M)**

**Vs**

**T.P.G. Malta Limited**

## It-Tribunal

Ra l-Avviz tat-talba li bih l-atturi talbu li s-socjeta' konvenuta thallas is-somma ta' tmien mija w erbgha u sebghin lira Maltin (Lm874) rapprezentanti danni minnhom sofferti in konnessjoni ma' incident li sehh fit-12 ta' Lulju, 2002 gewwa l-hanut tas-socjeta' konvenuta fi

Triq l-Imdina, Qormi u li fih l-attur Alfred Gatt sofra griehi fil-persuna tieghu.

Ra r-Risposta tas-socjeta' konvenuta li biha wiegbet illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda.

Sema' x-xhieda ta' Alfred Gatt, Dr Raymond Sammut, Anthony Cassar u ta' Nathalino Agius.

Sema' t-trattazzjoni ta' Dr Massimo Vella ghall-atturi u ta' Dr Stephen Muscat ghas-socjeta' konvenuta.

**Ikkunsidra**

Illi mill-provi prodotti jirrizulta illi l-attur jaghmel xoghol ta' *panel beating* u jixtri affarijiet minghand is-socjeta' konvenuta. Darba minnhom, fis-sebgha ta' filghodu mar ghandhom biex ihallas ghal xi parts li kien xtara qabel u waqt li kien qieghed fil-hanut, waqghet xi merkanzija fuqu u b'rizultat ta' dan sofra l-griehi. Skond ic-certifikat rilaxxat minn Dr Raymond Sammut u kkonfermat minnu bil-gurament, l-attur sofra *"a large and deep lacero contused wound of his left leg"* u din zviluppat f'infezzjoni ftit wara u b'rizultat ta' dan kellu bzonn li din ikollha *"daily dressings and treatment for the following two months"*. Dr Sammut ikkonferma wkoll illi stante n-natura tax-xoghol ta' l-attur, jigifieri li huwa *panel beater*, huwa kien ta parir lill-attur biex ma jattendix ghax-xoghol minhabba biza ta' infezzjoni.

L-attur ikkonferma li fil-fatt ma hadimx dak iz-zmien u stante li ma hadimx, ma thallasx.

Is-socjeta' konvenuta tikkontendi illi fil-fatt f'dawk is-seba' gimghat li fihom l-attur jikkontendi li ma thallasx, li huwa fil-fatt ma kienx qed jaghmel xoghol ta' *panel beating* izda kien jaghmel xi xoghol amministrattiv u kien jattendi ghax-xoghol.

Mill-provi prodotti pero' t-Tribunal huwa sodisfatt illi l-attur ghandu kumpanija li fiha, apparti li jmidd idejh huwa stess

bhala *panel beater,* ghandu lil ibnu li jahdem flimkien ma' zewg lavranti. Fl-2002, meta sehh l-incident, l-attur kien ghadu jahdem regolarment bhala *panel beater*, u stante li l-kumpanija kienet tieghu, huwa jitqies bhala bniedem *self employed*. L-attur ikkonferma bil-gurament li ta' dawk is-seba' gimghat li ma hadimx ta' *panel beater* u li ma thallasx, ma tressqet l-ebda prova kontrarja ghal dan. Jirrizulta wkoll illi *pro rata* ghall-emolumenti dovuta lill-attur bhala direttur, is-somma mitluba f'din il-kawza hija fil-fatt anqas minn kemm kienet tigi *pro rata* s-somma lilu dovuta abbazi ta' l-emolumenti annwali ta' sebat elef lira Maltin (Lm7,000) izda l-gurisdizzjoni ta' dan it-Tribunal huwa limitat minn dak li jigi mitlub fl-Avviz.

It-Tribunal jidhirlu illi ghall-incident in kwistjoni tahti unikament is-socjeta' konvenuta li ma stivatx sew il-merkanzija fil-hanut taghha u b'rizultat ta' dan, il-merkanzija waqghet spontanjament u kkawzat hsara lill-attur.

Illi inoltre, s-socjeta' konvenuta trid taghmel tajjeb ghad-danni sofferti mill-attur u d-danni mitluba f'din il-kawza jikkombacjaw mad-danni attwalment sofferti minnu *(damnum emergens)* u konsegwentement it-talba kif dedotta jisthoqq li tigi milqugha.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jiddikjara lis-socjeta' konvenuta unikament responsabbli ghall-incident in kwistjoni u jikkundanna lis-socjeta' konvenuta sabiex thallas lill-atturi s-somma ta' tmien mija w erbgha u sebghin lira Maltin (Lm874) bl-interessi u bl-ispejjez kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------